Int. Stenn. Żomm ftit. Ieqaf naqra. Ħoj! Għedtlek stenna. Le, tnaqqarx imnieħrek ta … Le, mhux timsaħ subgħajk mal-ktieb! Jaqq, jaqq u jaqq. Mela, ara hux qed nifhem sew. Xi ħadd jiġi minnek qabad u xtralek ktieb. Tahulekx għal għeluq sninek ukoll? Jew iwrittu? U, qed narak ta, kif għandek il-ktieb f'idejk, jiftillek taqbad taqrah, kif ġie ġie. La bonġu, la saħħa, la kif inti, la min inti u minn fejn ġejt. U hekk taħseb li sewwa? Dan il-ktieb tiegħi u nikkmandah kif irrid jien. Fhimt? FHIMT?

Ikteb iva jew le: ______________________

Iffirma hawnhekk: ______________________

Issa lili forsi ma tafnix, u jien forsi ma nafekx. Imma hu x'inhu u kif inhu, irridek timsaħ subgħajk hawnhekk qabel taqbad tqalleb f'dan il-ktieb. Bleqq, min jaf kemm għandek ċikkulata u ħamrija u żebgħa ma' subgħajk. X'ċaflis! Hekk, imsaħhom hawn:



Issa, nistgħu nibdew minn xi mkien.

Jiena l-Kapural Kukkarda Cucciardi. Ara ma jfettillekx tidħaq għax noħroġ għalik u narrestak. Jien, trid u ma tridx, se nirrakkuntalek din l-istorja. Se titqanna' bija mill-bidu sal-aħħar nett, jiġifieri. U għandek tkun taf li f'kull ktieb li hemm fid-dar tiegħek hemm xi ħadd bħali jirrakkonta l-istejjer. U meta ma jkunx qed jirrakkonta joqgħod b'għajnejh miftuħin beraħ, jiflik, isegwi kull pass li tagħmel, jara li ma tiksirx il-liġi, li tiekol iċ-ċiċri u li timsaħ subgħajk kull darba li mqar jgħaddilek l-iżgħar tal-iċken ħsieb li tiftaħ ktieb u taqrah …

Konna qed ngħidu … li … li … li … hemm ara kif nessejtni. Fakkarni ftit …

E, iva, mela konna qed ngħidu li jiena l-Kapural Kukkarda Cucciardi.

i. *Kapural* ikun uffiċjal fl-armata.
ii. *Kukkarda* qisha fjuretta magħmula miż-żigarelli u bħalha rbaħt kemm-il waħda.
iii. *Cucciardi* ġej minn tip ta' għasfur, il-kuċċard.

(Qed nużalek in-numri Rumani biex nurik kemm jiena bravu pitravu avolja l-pitravi ma nħobbhomx).



*Lili jafuni bħala mustaċċun għax ninqala' biex insolvi l-każijiet ikkumplikati u għax għandi mustaċċi ma jispiċċaw qatt. Nieħu ħsieb is-sigurtà, is-sanità, is-sandlijiet u kull tip ta' ħwejjeġ oħra f'Maxta. Għajnejja l-blu tas-sema, xagħri l-oranġjo tal-larinġ, idejja twal lasta ta' xkupa u qasir daqs katuba. Żaqqi dulliegħa fir-rebbiegħa, difrejja puliti u widnejja uniti. Inħobb kollox kważi f'postu u niekol minn kollox. Inħobb l-iktar iż-żejt bil-ħobż u z-zalza bl-għaġin ismar moqli. Il-ktieb favorit tiegħi* Alice fl-Art tal-Għeġubijiet *u l-karattru favorit tiegħi l-Kappellun Miġnun. L-hena tiegħi nsaqqi l-pjanti, inħit, nosserva l-għasafar, immexxi l-klieb tal-kaċċa u nnaddaf il-kċina. La nikber iktar, nixtieq nilħaq Ġeneral tal-Gżejjer Allegri magħrufa għas-Sajd u s-Sewqan. Nobgħod nimxi, niġri, nitla' u kull verb ieħor li jfisser li rrid niċċaqlaq b'saqajja minn post għal ieħor.*

U issa li taf x'jisimni u xi ħaġa fuqi, nistenna li tintroduċi lilek innifsek f'mija u tlieta u għoxrin —jiġifieri 123—kelma bl-eżatt għax m'għandix ħin x'naħli. Kif għamilt jiena. Ara l-ieħor, mhux

qed jemminni. Anke l-oħra! Mur ara kif veru mija u tlieta u għoxrin kelma użajt. Tista' wkoll tuża mija u tlieta u għoxrin aġġettiv imma fil-każ avżani qabel ħalli sadanittant nieħu nagħsa.

Tajjeb, prosit, lesta? Lest? Mela, ara, la dħalt fil-ktieb tiegħi, ir-regoli nagħmilhom jiena. U jmorru xi ħaġa hekk.

Regola 1: Dawwar il-paġni bil-galbu.

Regola 2: Aqra kelma kelma.

Regola 3: Kull darba li tinzerta l-kelma *kappell* aqraha b'vuċi għolja u bir-rispett kollu.

Regola 4: Ma tistax tidħaq bil-mustaċċi oranġjo.

Regola 5: Nista' nidħaq bik meta rrid.

Regola 6: Agħmel li trid.

Regola 7: Regola numru 6 ma tgħoddx.

Regola 8: Tgħawwiġx il-paġna biex timmarka fejn wasalt. Uża werrejja.

Regola 9: Poġġi l-ktieb fejn ma jilħquhx il-klieb.

Regola 10: Kif tlesti mill-ktieb tista' tilbsu kappell.

Ħeqq, prosit għalik, ma smajtekx tgħajjatha! Erġa' mur aqra regola numru 3. Rajtx? Nittama li din tal-ewwel u tal-aħħar.

# kappell

Hekk, prosit! U l-kappell tiegħi? Gustuż, hux? Qisu kukkarda kkulurita. Pariġġ ismi.

Issa mhux aħjar nibdew? **Tlaqna!**

2,00

# 1.

## L-ewwel kapitlu fuq il-kappell

**Kif tista' timmaġina**, u forsi wkoll ma tistax, il-kpiepel f'dan il-ktieb huma importanti ĦAFNA. Jiġifieri se tiltaqa' ma' kull tip ta' kappell … Aħħ, tgħajjatx daqshekk!

Għax il-kappell huwa s-simbolu uffiċjali ta' Maxta. Żomm ftit, ħa mmorru lura daqs elfejn sena.

**00 SENA**

Elfejn sena ilu, il-Konti Kontijiet skopra din l-art ħelwa ta' Maxta waqt il-vjaġġi tiegħu lejn in-naħa tan-nofs tad-dinja. Kien ilu jbaħħar ġranet sħaħ mikdud u mirżuħ (daħħal mużika tal-biki u d-dwejjaq) fuq dgħajsa qisha kappell ferinaff bil-maqlub, meta fil-bogħod ra art ċkejkna u xemx tiddi fuqha. Qal bejnu u bejn ruħu, "Mela naħseb din hi l-art li kont qed infittex." Issa tgħidlix kif naf x'qal imma sorsi ta' min jistrieħ fuqhom qaluli li hekk qal.

Wasal, ħatt kollox, bagħat għal niesu u beda jibni l-imperu tiegħu. Ix-xemx malajr bdiet tagħmel tagħha u kellu jsib mod kif jistkenn. Fil-31 ta' Frar tas-sena XX (Xejn Xejn), fl-Era tal-Invenzjonijiet, fiż-żmien bejn l-Era tas-Satin u l-Era tad-Damask, il-Konti Kontijiet qala' l-qlugħ tad-dgħajsa u beda jfassal u jħit l-ewwel kappell fid-dinja.

Immaġina ftit: dak iż-żmien il-kappell lanqas biss kien għadu jeżisti aħseb u ara kemm jissejjaħ *kappell*. Ħeqq, meta lestieh kellu jibda jsejjaħlu xi ħaġa. Allura ħa:

Il-**k** ta' *kelb* għax minn dejjem kellu wieħed.

L-**a** ta' *ażma* għax kien ibati biha.

Il-**p** ta' *piżelli* għax kien iħobbhom ħafna.

Il-**p** ta' *pitravi* għax kien iħobbhom ħafna iktar (mhux bħali!).

L-**e** ta' *emerġenza* għax din kienet waħda minnhom.

Il-**l** ta' *lumi* għax kien iħobbu ħafna iktar mill-pitravi.

Il-**l** ta' *le* għax iktar kien jgħid le milli iva … (bħali!)

Bin-naqra n-naqra, ifforma dal-oġġett li sejjaħlu *kappell* … Hekk mela, għajjattha issa! Dal-kappell kellu l-forma ta' borma u tgħidx kemm kien kburi bih. Meta ġew niesu ħitilhom wieħed kull wieħed u x-xemx la reġgħet ħaqrithom u lanqas ħarqithom. Anke lill-kelb tiegħu Canis Lupus Familiaris għamillu wieħed ċkejken!

Għedtlek imnieħrek imsħu f'maktur, mhux hawnhekk. Jew f'paġna 8, iva.

Minn dak iż-żmien, il-Maxtin ivvintaw kpiepel kemm trid. Il-kappell tal-magu, il-kappell tat-

tibna, il-kappell ravjula, il-kappell tat-trizza, il-kappell tal-gradwazzjoni, il-kappell tal-faldi, in-nofs kappell, il-kappell Ascot, il-barjola, il-lobbja, il-bożboż, iċ-ċinetta, il-galja, il-bombetta, il-kappell tal-għajn, il-kappell tas-suba', eċċetra, eċċetra, eċċetra. Le, l-eċċetra mhix tip ta' kappell!

